

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.5288 — GMR Infrastructure (Malta)/Ontario Teachers' Pension Plan/InterGen)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 214/08)

1. Fit-13 ta' Awwissu 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta għal konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li biha l-impriżi GMR Infrastructure Limited (Malta) Ltd, ikkontrollata minn GMR Holdings Private Ltd u proprjetà tal-grupp GMR ("GMR", l-Indja) u l-Ontario Teachers' Pension Plan Board ("OTPPB", il-Kanada) jakkwistaw, fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt tal-impriża InterGen N.V. ("InterGen", l-Olanda) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet ta' negozju tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal GMR: grupp korporattiv attiv fl-ajruporti, l-enerġija, l-awtostradi u l-infrastruttura urbana,
- għal OTPPB: responsabbli għal investimenti ta' assi ta' fondi tal-pensjonijiet,
- għal InterGen: attiva fl-iżvilupp u l-operazzjoni ta' faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija elettrika.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni avżata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija rriżervata. Skond l-avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> għandu jiġi nnotat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5288 — GMR Infrastructure (Malta)/Ontario Teachers' Pension Plan/InterGen, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
B-1049 Bruxelles/Brussel

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.